**UNJONI EWROPEA**

**IL-PARLAMENT EWROPEW** **IL-KUNSILL**

**Brussell, 3 ta' April 2024**
**(OR. en)**

**2022/0131(COD)** **PE-CONS 93/23**

**JAI 1716**
**MIGR 470**
**ASIM 121**
**SOC 880**
**EMPL 622**
**EDUC 484**
**IA 378**
**CODEC 2575**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru (riformulazzjoni) |

**DIRETTIVA (UE) 2024/...**
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**ta' ...**

**dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru (riformulazzjoni)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 79(2), il-punti (a) u (b), tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja[3],

---

1 ĠU C 75, 28.2.2023, p. 136.
2 ĠU C 79, 2.3.2023, p. 59.
3 Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2024 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill ta' …..

Billi:

(1) Jenħtieġ li jsiru għadd ta’ emendi lid-Direttiva 2011/98/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4]. Fl-interessi taċ-ċarezza, jenħtieġ li dik id-Direttiva tiġi riformulata.

(2) Jenħtieġ li l-Unjoni tiżgura t-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jirrisjedu legalment fit-territorju tal-Istati Membri u politika ta' integrazzjoni aktar vigoruża għandha timmira li tagħti lil dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi drittijiet u obbligi komparabbli ma' dawk taċ-ċittadini tal-Unjoni.

(3) Dispożizzjonijiet għal proċedura ta’ applikazzjoni unika li twassal għall-ħruġ ta’ titolu kkombinat li jgħaqqad il-permessi ta’ residenza u dawk ta’ xogħol f’dokument amministrattiv uniku jikkontribwixxu biex jiġu ssemplifikati u armonizzati r-regoli applikabbli bħalissa fl-Istati Membri.

(4) Sabiex jippermettu d-dħul inizjali fit-territorju tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu joħorġu permess uniku jew, jekk joħorġu permessi uniċi biss wara d-dħul, joħorġu viża. Jenħtieġ li l-Istati Membri joħorġu tali permessi uniċi jew viżi b’mod f’waqtu.

---

4 Id-Direttiva 2011/98/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Diċembru 2011 dwar proċedura ta’ applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta’ Stat Membru u dwar ġabra komuni ta’ drittijiet għal ħaddiema ta’ pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru (ĠU L 343, 23.12.2011, p. 1).

(5) Jenħtieġ li tiġi stabbilita ġabra ta' regoli li jirregolaw il-proċedura għall-eżami tal-applikazzjoni għal permess uniku f'din id-Direttiva. Dik il-proċedura jenħtieġ li tkun effettiva u maneġġabbli, filwaqt li jitqies il-piż normali tax-xogħol tal-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri, kif ukoll tkun trasparenti, ġusta u nondiskriminatorja, biex tiġi offruta ċertezza legali xierqa lil dawk ikkonċernati f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

(6) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklamat fis-17 ta' Novembru 2017 f'Gothenburg, jistabbilixxi ġabra ta' prinċipji biex isservi ta' gwida ħalli jiġu żgurati opportunitajiet indaqs, aċċess għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u protezzjoni u inklużjoni soċjali. Ir-rieżami tad-Direttiva 2011/98/UE huwa parti mill-pakkett ta' miżuri dwar il-"Ħiliet u t-Talenti" li kien propost bħala segwitu għall-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Settembru 2020 dwar Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. Dak ir-rieżami huwa wkollwieħed mill-elementi tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu 2021 dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

(7) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri li jirregolaw ir-rekwiżiti għall-ħruġ ta' permess uniku għal fini ta' xogħol. Jenħtieġ li din id-Direttiva ma taffettwax id-dritt tal-Istati Membri f'konformitá mal-Artikolu 79(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Abbażi ta' dan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jew iqisu applikazzjoni għal permess uniku bħala inammissibbli jew inkella jiċħduha.

(8) Din id-Direttiva jenħtieġ li tkopri l-kuntratti ta' impjieg u r-relazzjonijiet ta' impjieg bejn ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-impjegaturi. Meta l-liġi nazzjonali ta' Stat Membru tippermetti l-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi permezz ta' aġenziji ta' xogħol temporanju stabbiliti fit-territorju tiegħu u li għandhom relazzjoni ta' impjieg mal-ħaddiem, jenħtieġ li tali ċittadini ta' pajjiżi terzi ma jiġux esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet kollha ta' din id-Direttiva li jikkonċernaw lill-impjegaturi japplikaw bl-istess mod għal tali aġenziji.

(9) Jenħtieġ li ċittadini ta' pajjiżi terzi stazzjonati ma jkunux koperti minn din id-Direttiva. Dan jenħtieġ li ma jimpedix liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu jirrisjedu u jaħdmu legalment fi Stat Membru u li jiġu stazzjonati fi Stat Membru ieħor milli jibqgħu jgawdu minn trattament ugwali għal dak taċ-ċittadini tal-Istat Membru tal-oriġini matul il-perjodu li fih ikunu stazzjonati, fir-rigward tat-termini u l-kundizzjonijiet ta' impjieg li mhumiex affettwati mill-applikazzjoni tad-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].

(10) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu benefiċjarji ta' protezzjoni skont il-liġi nazzjonali, l-obbligi internazzjonali jew il-prattika ta' Stat Membru jenħtieġ li ma jkunux koperti minn din id-Direttiva, ħlief għall-Kapitolu III, li jenħtieġ li japplika jekk, skont il-liġi nazzjonali, dawk iċ-ċittadinin ta' pajjiżi terzi huma permessi li jaħdmu ujagħmlu hekk jew ikunu għamlu hekk.

---

**5** Id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1).

(11) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu akkwistaw status ta' residenza għat-tul skont id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE[6] jenħtieġ li ma jkunux koperti minn din id-Direttiva minħabba l-istatus globali aktar privileġġjat tagħhom u t-tip speċifiku ta' permess ta' residenza tagħhom "resident għat-tul–UE".

(12) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ġew ammessi fit-territorju ta' Stat Membru biex jaħdmu fuq bażi staġonali u jkunu applikaw għal ammissjoni jew ikunu ġew ammessi fit-territorju ta' Stat Membru skont id-Direttiva 2014/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] jenħtieġ li ma jkunux koperti minn din id-Direttiva minħabba li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/36/UE, li tistabbilixxi reġim speċifiku.

---

6 Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul, (ĠU L 16, 23.1.2004, p. 44).

7 Id-Direttiva 2014/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar il-kondizzjonijiet għad-dħul u s-soġġorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' impjieg bħala ħaddiema staġonali (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 375).

(13) Jenħtieġ li l-obbligu fuq l-Istati Membri li jiddeterminaw jekk l-applikazzjoni tiġix ippreżentata minn ċittadin ta' pajjiż terz jew mill-impjegatur ta' dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe arranġament li jeħtieġ li t-tnejn li huma jkunu involuti fil-proċedura. Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkunsidraw u jeżaminaw l-applikazzjonijiet għal permess uniku jew meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qed jirrisjedi barra mit-territorju tal-Istat Membru li fih iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jixtieq jiġi ammess, jew fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun diġà qed jirrisjedi fit-territorju ta' dak l-Istat Membru bħala detentur ta' permess ta' residenza validu maħruġ minn dak l-Istat Membru skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002[8]. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom ukoll l-għażla li jaċċettaw applikazzjonijiet ippreżentati minn ċittadini oħra ta' pajjiżi terzi li huma legalment preżenti fit-territorju tagħhom.

(14) Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar il-proċedura ta' applikazzjoni unika u dwar il-permess uniku ma jikkonċernawx viżi uniformi jew għal soġġorn twil. Dment li r-rekwiżiti stabbiliti mil-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali jiġu ssodisfati u meta Stat Membru joħroġ permessi uniċi fit-territorju tiegħu biss, jenħtieġ li l-Istat Membru kkonċernat joħroġ il-viża meħtieġa liċ-ċittadin ta' pajjiż terz biex jikseb permess uniku.

---

8 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 tat-13 ta' Ġunju 2002 li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta' residenza għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz (ĠU L 157, 15.6.2002, p. 1).

(15) Jenħtieġ li l-limitu taż-żmien għall-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar l-applikazzjoni jinkludi ż-żmien meħtieġ għall-verifika tas-sitwazzjoniji tas-suq tax-xogħol, meta tali verifika titwettaq b'rabta ma' applikazzjoni individwali għal permess uniku. Għaldaqstant, verifika ġenerali tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol li ma tkunx marbuta ma' applikazzjoni individwali għal permess uniku mhijiex koperta bil-limitu taż-żmien għall-adozzjoni ta' deċiżjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu ħilithom biex joħorġu l-viża meħtieġa biex jinkiseb permess uniku b'mod f'waqtu.

(16) Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol u sabiex ma jittawlux il-proċeduri, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu ħilithom biex jeħtieġu lill-applikanti jippreżentaw id-dokumenti rilevanti darba biss u jwettqu biss verifika sostanzjali waħda tad-dokumenti ppreżentati mill-applikant għall-ħruġ kemm ta' permess uniku kif ukoll, meta dan ikun applikabbli, tal-viża meħtieġa biex jinkiseb permess uniku..

(17) In-nomina tal-awtorità kompetenti skont din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għar-rwol u r-responsabilitajiet ta' awtoritajiet oħra u, meta dan ikun applikabbli, is-sħab soċjali, fir-rigward tal-eżami tal-applikazzjoni u d-deċiżjoni dwarha.

(18) Madanakollu jenħtieġ li l-limitu taż-żmien għall-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar l-applikazzjoni ma jinkludix iż-żmien meħtieġ għar-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali. Jenħtieġ li din id-Direttiva tkun mingħajr preġudizzju għall-proċeduri nazzjonali dwar ir-rikonoxximent ta' diplomi.

(19) Kwalunkwe konsegwenza meta ma tittieħed l-ebda deċiżjoni mill-awtoritajiet fil-limiti ta' żmien jenħtieġ li tiġi ddeterminata mil-liġi nazzjonali u jenħtieġ li tkun miftuħa għal rimedju legali.

(20) Kif imsemmi fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' April 2022 bit-titolu "Nattiraw il-ħiliet u t-talent lejn l-UE", "is-Sħubijiet ta' Talent" huma waħda mill-għodod ewlenin tal-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil fir-rigward tad-dimensjoni esterna tiegħu. Dawk is-sħubijiet għandhom l-għan li jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-Unjoni, l-Istati Membri u l-pajjiżi sħab, jagħtu spinta lill-mobilità internazzjonali tal-forza tax-xogħol u jiżviluppaw it-talent b'mod ċirkolari u ta' benefiċċju reċiproku. L-aċċellerazzjoni tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal permess uniku fil-limiti previsti f'din id-Direttiva, tista' tikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni effettiva tas-"Sħubijiet ta' Talent" ma' pajjiżi sħab ewlenin.

(21) Bil-għan li s-swieq tax-xogħol fl-Unjoni jsiru aktar effiċjenti u attraenti, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jħaffu l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal permess uniku ppreżentati minn jew f'isem ċittadini ta' pajjiżi terzi li diġà jkunu detenturi ta' permess uniku fi Stat Membru ieħor, fil-limiti previsti f'din id-Direttiva.

(22) Il-permess uniku għandu jkun imfassal skont ir-Regolament (KE) Nru 1030/2002, biex dan jippermetti l-Istati Membri jdaħħlu aktar informazzjoni, partikolarment dwar jekk il-persuna jkollhiex il-permess li taħdem. Jenħtieġ li Stat Membru jindika, *inter alia* għall-fini ta' kontroll aħjar tal-migrazzjoni, mhux biss fuq il-permess uniku iżda wkoll il-permessi ta' residenza maħruġa kollha, l-informazzjoni relatata mal-permess tax-xogħol, irrispettivament mit-tip tal-permess jew permess ta' residenza li, fuq il-bażi tagħhom, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun ġie ammess fit-territorju u jkun ingħata aċċess għas-suq tax-xogħol ta' dak l-Istat Membru. Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkollhom id-dritt li jivverifikaw l-informazzjoni li tkun tinsab f'format ta' karta jew f'format elettroniku u, meta jkun xieraq, jitolbu li din tiġi kkoreġuta jew imħassra, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1030/2002.

(23) Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar permessi ta' residenza għal finijiet li mhumiex ta' xogħol japplikaw biss għall-format ta' tali permessi u jkunu mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-Unjoni jew dawk nazzjonali dwar il-proċeduri ta' ammissjoni u dwar il-proċeduri għall-ħruġ ta' tali permessi.

(24) Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar il-permess uniku u dwar il-permess ta' residenza maħruġ għal finijiet li mhumiex ta' xogħol ma jipprevjenux lill-Istati Membri milli joħorġu dokument addizzjonali f'format ta' karta biex tkun tista' tingħata informazzjoni aktar preċiża dwar ir-relazzjoni ta' impjieg li ma jkunx hemm spazju biżżejjed għaliha fil-format tal-permess ta' residenza. Tali dokument jista' jservi ta' prevenzjoni għall-isfruttament ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u biex jiġu miġġielda l-impjiegi illegali iżda jenħtieġ li jkun fakultattiv għall-Istati Membri u ma jservix ta' sostitut għal permess tax-xogħol u b'hekk jikkompromettì l-kunċett ta' permess uniku. Il-possibbiltajiet tekniċi offruti mill-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1030/2002 u l-punt (a)20 tal-Anness tiegħu jistgħu jintużaw ukoll għall-ħżin ta' tali informazzjoni f'format elettroniku. Barra minn hekk, l-impjegaturi huma meħtieġa jinfurmaw lill-ħaddiema ta' pajjiżi terzi dwar l-aspetti essenzjali tar-relazzjoni ta' impjieg u ta' kwalunkwe bidla fihom, skont id-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9].

---

9 Id-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 105).

(25) Jenħtieġ li l-kundizzjonijiet u l-kriterji li abbażi tagħhom applikazzjoni għall-ħruġ, l-emendar jew it-tiġdid ta' permess uniku tista' tiġi miċħuda, jew li abbażi tagħhom il-permess uniku jista' jiġi rtirat, ikunu oġġettivi u jkunu stabbiliti fil-liġi nazzjonali inkluż l-obbligu li jiġi rrispettat il-prinċipju tal-preferenza tal-Unjoni kif inhu espress partikolarment fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Atti ta' Adeżjoni tal-2003 u l-2005. Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet ta' ċaħda u ta' rtirar ikunu motivati kif xieraq. Deċiżjoni li tiġi miċħuda applikazzjoni għall-ħruġ, għall-emendar jew għat-tiġdid ta' permess uniku u kwalunkwe deċiżjoni li jiġi rtirat permess uniku jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-kriterji previsti mil-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali u jenħtieġ li jqisu ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ, meta dan ikun xieraq, u jirrispettaw il-prinċipju tal-proporzjonalità. F'ċirkostanzi eċċezzjonali u debitament ġustifikati marbuta mal-kumplessità tal-applikazzjoni, u fl-interess tal-applikant, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġi estiż il-limitu ta' żmien biex tittieħed deċiżjoni skont din id-Direttiva jista' jiġi estiż għal perjodu addizzjonali ta' 30 jum. Fil-każ ta' bidla tal-impjegatur mid-detentur ta' permess uniku, jenħtieġ li kwalunkwe estensjoni għal perjodu addizzjonali ta' 15-il jum tkun debitament ġustifikata.

(26) Sabiex jiġi żgurat li dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-familji tagħhom ikollhom aċċess effettiv għad-drittijiet tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdulhom informazzjoni aċċessibbli, u mingħajr ħlas, dwar l-evidenza dokumentarja meħtieġa biex japplikaw għall-permess uniku, kif ukoll dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza u d-drittijiet, l-obbligi, u s-salvagwardji proċedurali għall-protezzjoni tagħhom u dik tal-membri tal-familja tagħhom. Jenħtieġ li dik l-informazzjoni tinkludi informazzjoni dwar sħab soċjali, b'referenza speċjali għall-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema, biex jiġi ffaċilitat l-għarfien tagħhom sabiex jiġu protetti aħjar fuq il-post tax-xogħol.

(27) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu detenturi ta' dokument tal-ivjaġġar validu u permess uniku maħruġ minn Stat Membru li japplika bis-sħiħ l-acquis ta' Schengen, jenħtieġ li jkunu jistgħu jidħlu u jiċċaqalqu liberament fit-territorju tal-Istati Membri li japplikaw bis-sħiħ l-acquis ta' Schengen, għal perjodu massimu ta' tliet xhur fi kwalunkwe perjodu ta' sitt xhur skont ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] u l-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom[11] (Konvenzjoni ta' Schengen).

---

**10** Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1).

**11** ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19.

(28) Fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni orizzontali tal-Unjoni, id-drittijiet taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jvarjaw, skont l-Istat Membru li jaħdmu fih u skont in-nazzjonalità tagħhom. Bil-għan li tiġi żviluppata aktar politika tal-immigrazzjoni koerenti u titnaqqas id-differenza fid-drittijiet bejn iċ-ċittadini tal-Unjoni u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaħdmu legalment fi Stat Membru u biex jiġi kkomplementat l-acquis eżistenti dwar l-immigrazzjoni, jenħtieġ li tiġi stabbilita ġabra ta' drittijiet sabiex, b'mod partikolari, jiġi speċifikat f'liema oqsma jingħata trattament ugwali bejn iċ-ċittadini proprji ta' Stat Membru u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li għadhom mhumiex residenti għat-tul. Tali dispożizzjonijiet huma maħsubin biex jistabbilixxu kundizzjonijiet ekwivalenti minimi fl-Unjoni, biex jiġi rikonoxxut li dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jikkontribwixxu għall-ekonomija tal-Unjoni permezz tax-xogħol u l-ħlasijiet tat-taxxa tagħhom u biex iservu ta' salvagwardja biex titnaqqas il-kompetizzjoni inġusta bejn iċ-ċittadini proprji ta' Stat Membru u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li tirriżulta mill-isfruttar possibbli ta' dawn tal-aħħar. Jenħtieġ li f'din id-Direttiva, Ħaddiem ta' pajjiż terz ikun definit bħala ċittadin ta' pajjiż terz li jkun ġie ammess fit-territorju ta' Stat Membru, li jkun jirrisjedi legalment u li jkollu permess, fil-kuntest ta' relazzjoni ta' impjieg, li jaħdem hemmhekk skont il-liġi jew il-prattika nazzjonali. F'dan il-kuntest, ħaddiem ta' pajjiż terz jeħtieġ ikollu kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi nazzjonali, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika ta' Stat Membru, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

(29) Meta detentur ta' permess uniku jbiddel l-impjegatur, jenħtieġ li l-impjegatur il-ġdid jikkomunika lill-awtoritajiet kompetenti d-dettalji tal-impjieg skont il-proċeduri stabbiliti fil-liġi nazzjonali. Jenħtieġ li bidla fil-kundizzjonijiet tal-impjieg, bħall-indirizz tal-impjegatur, il-post tax-xogħol abitwali, is-sigħat tax-xogħol, u r-remunerazzjoni, fiha nnifisha ma tikkostitwix bidla tal-impjegatur.

(30) Jenħtieġ li ċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu u jaħdmu legalment fl-Istati Membri mill-inqas igawdu ġabra komuni ta' drittijiet imsejsa fuq trattament ugwali għal dak taċ-ċittadini tal-Istat Membru fejn jirrisjedu, irrispettivament mill-għan inizjali tal-ammissjoni jew il-bażi għaliha. Jenħtieġ li d-dritt għat-trattament ugwali fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva jingħata mhux biss lil dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ġew ammessi fi Stat Membru biex jaħdmu iżda wkoll lil dawk kollha li jkunu ġew ammessi għal finijiet oħra u jkunu ngħataw aċċess għas-suq tax-xogħol ta' dak l-Istat Membru skont dispożizzjonijiet oħra ta' liġi tal-Unjoni jew nazzjonali, inklużi l-membri tal-familja ta' ħaddiem ta' pajjiż terz li jiġu ammessi fl-Istat Membru skont id-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE[12]; u liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu ammessi fit-territorju ta' Stat Membru skont id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13].

---

**12** Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja (ĠU L 251, 3.10.2003, p. 12).

**13** Id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 21).

(31) Id-dritt għat-trattament ugwali f'oqsma speċifikati jenħtieġ li jkun strettament marbut mar-residenza legali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz u l-aċċess mogħti għas-suq tax-xogħol fi Stat Membru, li huma mnaqqxa fil-permess uniku li jinkludi l-awtorizzazzjoni għar-residenza u għax-xogħol u f'permessi ta' residenza maħruġa għal skopijiet oħra li jkunu jinkludu informazzjoni dwar il-permess tax-xogħol.

(32) Id-dritt għal trattament ugwali tal-ħaddiema ta' pajjiżi terzi bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru fir-rigward tat-termini tal-impjieg u l-kundizzjonijiet tax-xogħol kif imsemmi f'din id-Direttiva jikkontribwixxi għal xogħol deċenti u l-prevenzjoni tal-isfruttament ta' ħaddiema ta' pajjiżi terzi. Jenħtieġ li dak id-dritt ikopri mill-inqas it-termini tal-impjieg, ir-remunerazzjoni inklużi r-rati tas-sahra, it-tnaqqis u l-ħlas b'lura tagħhom, it-talbiet fil-każ tal-insolvenza ta' min iħaddem, l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' remunerazzjoni ugwali għal xogħol ugwali, it-tkeċċija, it-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa, it-taħriġ, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-ħin tax-xogħol u l-liv u l-vaganzi. Id-dritt għal trattament ugwali jenħtieġ li jinkludi kundizzjonijiet tax-xogħol stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni, il-liġi nazzjonali, il-ftehimiet kollettivi u l-prattika ta' Stat Membru bl-istess termini bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat.

(33) Jenħtieġ li Stat Membru jagħraf il-kwalifiki professjonali miksuba minn ċittadin ta' pajjiżi terz fi Stat Membru ieħor bl-istess mod bħal dawk ta' ċittadini tal-Unjoni u jenħtieġ li jqis il-kwalifiki miksuba f'pajjiż terz skont id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14]. Id-dritt għal trattament ugwali mogħti lil ħaddiema ta' pajjiżi terzi fir-rigward tar-rikonoxximent ta' diplomi, ċertifikati u kwalifiki professjonali oħra skont il-proċeduri nazzjonali rilevanti jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri biex idaħħlu dawn il-ħaddiema ta' pajjiżi terzi fis-suq tax-xogħol tagħhom.

(34) Jenħtieġ li l-ħaddiema ta' pajjiżi terzi jgawdu trattament ugwali fejn tidħol is-sigurtà soċjali. Il-fergħat tas-sigurtà soċjali huma definiti fir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15]. Id-dispożizzjonijiet dwar it-trattament ugwali fejn tidħol is-sigurtà soċjali f'din id-Direttiva jenħtieġ li japplikaw ukoll għall-ħaddiema li jiġu ammessi fi Stat Membru direttament minn pajjiż terz. Madankollu, jenħtieġ li din id-Direttiva ma tagħtix lill-ħaddiema ta' pajjiżi terzi aktar drittijiet minn dawk previsti diġà fil-liġi eżistenti tal-Unjoni fil-qasam tas-sigurtà soċjali għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu f'sitwazzjonijiet transkonfinali.

---

14 Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22).

15 Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1).

(35) Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddeċidiet, fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Novembru 2020 fil-kawża C- 302/19[16], li Stat Membru ma jistax jirrifjuta jew inaqqas l-għoti ta' benefiċċju tas-sigurtà soċjali lid-detentur ta' permess uniku minħabba li l-membri tal-familja ta' dak id-detentur kollha jew uħud minnhomma jirrisjedux fit-territorju tiegħu, iżda f'pajjiż terz, jekk huwa jagħti dan il-benefiċċju liċ-ċittadini tiegħu indipendentement mill-post ta' residenza tal-membri tal-familja tagħhom.

(36) Jenħtieġ li l-Istati Membri mill-inqas jiżguraw it-trattament ugwali ta' dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom impjieg jew li, wara perjodu minimu ta' impjieg, ikunu rreġistrati bħala qiegħda. Kwalunkwe restrizzjoni għat-trattament ugwali fil-qasam tas-sigurtà soċjali skont din id-Direttiva jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet mogħtija skont ir-Regolament (UE) Nru 1231/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17].

(37) Il-liġi tal-Unjoni ma tillimitax is-setgħa tal-Istati Membri li jorganizzaw l-iskemi tas-sigurtà soċjali tagħhom. L-istabbiliment tal-kundizzjonijiet li skonthom jingħataw il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali, kif ukoll l-ammont ta' tali benefiċċji u l-perjodu li jingħataw għalih, għandu jiddependi minn kull Stat Membru. Madankollu, meta jkunu qed jeżerċitaw dik is-setgħa, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkonformaw mal-liġi tal-Unjoni.

---

16 Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Novembru 2020, *Istituto nazionale della previdenza sociale* (INPS) vs WS, C-302/19, ECLI:EU:C:2020:957, il-paragrafu 39.

17 Ir-Regolament (UE) Nru 1231/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 li jestendi r-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti b'dawn ir-Regolamenti unikament minħabba n-nazzjonalità tagħhom (ĠU L 344, 29.12.2010, p. 1).

(38) Jenħtieġ li t-trattament ugwali ta' ħaddiema ta' pajjiżi terzi ma japplikax għal miżuri fil-qasam tat-taħriġ vokazzjonali li huma ffinanzjati minn skemi ta' għajnuna soċjali.

(39) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jipprevjenu d-diskriminazzjoni kontra l-ħaddiema ta' pajjiżi terzi fir- rigward tal-aċċess tagħhom għal prodotti u servizzi li għalihom it-trattament ugwali ta' ħaddiema ta' pajjiżi terzi ma' ċittadini tal-Istat Membru fejn jirrisjedu hija garantita skont din id-Direttiva u l-liġi nazzjonali. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari biex tiġi evitata diskriminazzjoni possibbli fl-aċċess għal akkomodazzjoni privata mikrija sabiex jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni u l-kuntratti tal-kiri jikkonformaw mal-istandards u r-regoli nazzjonali għal kirjiet privati, inkluż fir-rigward tal-istandards u r-regoli li jikkonċernaw l-ammonti tal-kera. Huwa partikolarment rilevanti li jiġi żgurat li l-ħaddiema ta' pajjiżi terzi jibqa' liberu li jagħżel l-akkomodazzjoni tagħhom, mingħajr l-obbligu li jirrisjedi f'akkomodazzjoni pprovduta mill-impjegatur, kif inhu l-każ għall-ħaddiema tal-Istat Membru kkonċernat, skont il-liġi nazzjonali.

(40) Sabiex jissaħħaħ it-trattament ugwali ta' ħaddiema minn pajjiżi terzi, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi kontra l-impjegaturi fil-każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-libertà ta' assoċjazzjoni u affiljazzjoni u l-fergħat tas-sigurtà soċjali, kif definit fir-Regolament (KE) Nru 883/2004.

(41) Sabiex jiġi żgurat l-infurzar xieraq tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, l-Istati Membri, f'kooperazzjoni ma' sħab soċjali fejn applikabbli f'konformità mal-liġi nazzjonali, jenħtieġ li jipprevedu mekkaniżmi xierqa għall-monitoraġġ u, meta jkun xieraq, għal spezzjonijiet effettivi u adegwati fit-territorji rispettivi tagħhom skont il-prattika amministrattiva jew il-liġi nazzjonali. Meta jkun xieraq, jenħtieġ li s-servizzi inkarigati mill-ispezzjoni tax-xogħol jew awtoritajiet kompetenti oħra jkollhom aċċess għall-post tax-xogħol.

(42) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw ukoll mekkaniżmi effettivi li permezz tagħhom ħaddiema minn pajjiżi terzi għandhom jkunu jistgħu jfittxu rimedju legali u jressqu lmenti direttament jew permezz ta' partijiet terzi li jkollhom, skont il-kriterji stabbiliti mil-liġi nazzjonali, il-prattika amministrattiva jew il-ftehimiet kollettivi applikabbli, interess leġittimu fl-iżgurar tal-konformità ma' din id-Direttiva, bħat-trade unions jew assoċjazzjonijiet oħra, jew permezz ta' awtoritajiet kompetenti. Dawk il-mekkaniżmi efffettivi huma kkunsidrati meħtieġa biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet fejn ħaddiema ta' pajjiżi terzi ma jkunux konxji mill-eżistenza ta' mekkaniżmi ta' infurzar jew joqogħdu lura milli jużawhom f'isimhom stess, pereżempju minħabba biża' ta' konsegwenzi possibbli. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-ħaddiema ta' pajjiżi terzi jkollhom l-istess aċċess bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru li fihom jirrisjedu għal proċedimenti legali, inklużi proċeduri ġudizzjarji u amministrattivi, ilmenti, medjazzjoni, u mekkaniżmi oħra stabbiliti skont il-liġi nazzjonali għaċ-ċittadini tal-Istat Membru. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiggarantixxu wkoll aċċess għall-għajnuna legali bl-istess kundizzjonijiet previsti għall-ħaddiema nazzjonali f'dawk il-proċeduri, jekk dan ikun previst fil-liġi nazzjonali tagħhom.

(43) Fil-kuntest tal-protezzjoni tal-ħaddiema, jenħtieġ li miżuri nazzjonali simili li jikkonċernaw il-monitoraġġ, il-valutazzjoni, l-ispezzjonijiet, il-penali u l-faċilitazzjoni tal-ilmenti diġà jkunu adottati u fis-seħħ fil-livell nazzjonali.

(44) Il-permess uniku jenħtieġ li jawtorizza id-detentur tiegħu biex ibiddel l-impjegatur matul il-perjodu tal-validità tiegħu. Minbarra li jivverifikaw jekk id-detentur ta' permess uniku għadux jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti mil-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu ċerti kundizzjonijiet għal bidla tal-impjegatur, inkluża proċedura ta' notifika u kontroll tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol jekk l-Istat Membru kkonċernat iwettaq kontrolli tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol għall-applikazzjonijiet għal permess uniku. Sabiex jiġi evitat abbuż potenzjali tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva relatati mal-bidla tal-impjegatur, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu wkoll perjodu minimu li għalih id-detentur ta' permess uniku jkun meħtieġ jaħdem għall-ewwel impjegatur qabel ma jbiddel l-impjegatur. Irrispettivament mit-tul tal-kuntratt ta' impjieg stabbilit skont il-liġi nazzjonali, jenħtieġ li dak il-perjodu minimu, f'kwalunkwe każ, ma jaqbiżx is-sitt xhur. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, pereżempju l-isfruttament tad-detentur tal-permess uniku jew jekk l-impjegatur jonqos milli jissodisfa l-obbligi legali tiegħu fir-rigward tad-detentur tal-permess uniku, jenħtieġ li l-Istati Membri jippermettu l-bdil tal-impjegatur qabel l-iskadenza ta' dan il-perjodu minimu.

(45) Il-permess uniku jenħtieġ li ma jiġix irtirat matul perjodu ta' mill-inqas tliet xhur fil-każ ta' qgħad jew sitt xhur jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun ilu detentur tal-permess uniku għal aktar minn sentejn. Għal perjodi ta' qgħad ta' aktar minn tliet xhur, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jitolbu li detenturi ta' permess uniku jipprovdu evidenza li għandhom riżorsi suffiċjenti biex iżommu lilhom infushom.

(46) Sabiex jissaħħaħ l-għarfien tal-proċedura għall-kisba tal-permess uniku u d-drittijiet, l-obbligi u s-salvagwardji proċedurali ta' ħaddiema ta' pajjiżi terzi u l-membri tal-familja tagħhom, l-Istati Membri huma mħeġġa jsaħħu l-attivitajiet ta' reklamar u l-kampanji ta' informazzjoni dwar dawn il-kwistjonijiet, inklużi, meta dan ikun xieraq, attivitajiet u kampanji diretti lejn pajjiżi terzi.

(47) Jenħtieġ li din id-Direttiva tkun applikata mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet aktar favorevoli li jinsabu fil-liġi tal-Unjoni u fl-istrumenti internazzjonali applikabbli.

(48) Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu effett lid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva mingħajr diskriminazzjoni abbażi ta' sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, fattizzi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjonijiet politiċi jew kwalunkwe opinjoni oħra, sħubija f'minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali partikolarment f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE[18] u d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE[19].

---

18 Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità (ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22).

19 Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16).

(49) Minħabba li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-istabbiliment ta' proċedura ta' applikazzjoni unika għall-ħruġ ta' permess uniku għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u ġabra komuni ta' drittijiet għall-ħaddiema ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fi Stat Membru, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.

(50) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tħares il-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mal-Artikolu 6(1) tat-TUE.

(51) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(52) F’konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex tieħu sehem fl-adozzjoni ta’ din id-Direttiva u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(53) Jenħtieġ li l-obbligu li din id-Direttiva tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali jkun ristrett għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw emenda sostantiva meta mqabbla mad-Direttiva ta’ qabel. L-obbligu ta’ traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet li mhumiex mibdula joħroġ minn dik id-Direttiva ta’ qabel.

(54) Jenħtieġ li din id-Direttiva tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri marbuta mal-limitu ta’ żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttiva stabbilita fl-Anness I,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

# Kapitolu I
# Dispożizzjonijiet ġenerali

*Artikolu 1*

*Suġġett*

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi:

   (a) proċedura ta' applikazzjoni unika għall-ħruġ ta' permess uniku għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex ikunu jistgħu jirrisjedu għal finijiet ta' xogħol fit-territorju ta' Stat Membru, sabiex ikunu simplifikati l-proċeduri tal-ammissjoni tagħhom u jiġi ffaċilitat il-kontroll tal-istatus tagħhom;

   (b) ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru, irrispettivament mill-għanijiet li għalihom kienu ammessi fit-territorju ta' dak l-Istat Membru, abbażi ta' trattament ugwali għal dak taċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru.

2. Din id-Direttiva m'għandhiex taffettwa d-dritt tal-Istati Membri li jiddeterminaw il-volumi ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi f'konformità mal-Artikolu 79(5) tat-TFUE.

*Artikolu 2*

*Definizzjonijiet*

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser persuna li ma tkunx ċittadin tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 20(1) tat-TFUE;

(2) "ħaddiem ta' pajjiż terz" tfisser ċittadin minn pajjiż terz li jkun ġie ammess fit-territorju ta' Stat Membru u li jkun qed jirrisjedi legalment u jkun jista' jaħdem fil-kuntest ta' relazzjoni ta' impjieg f'dak l-istat Membru skont il-prattika, il-ftehimiet kollettivi jew il-liġi nazzjonali;

(3) "permess uniku" tfisser permess ta' residenza maħruġ mill-awtoritajiet ta' Stat Membru li jippermetti lil ċittadin ta' pajjiż terz jirrisjedi legalment fit-territorju tiegħu għal fini ta' xogħol;

(4) "proċedura ta' applikazzjoni unika" tfisser kwalunkwe proċedura li twassal, abbażi ta' applikazzjoni unika magħmula minn ċittadin ta' pajjiż terz, jew mill-impjegatur ta' dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz, għall-awtorizzazzjoni ta' residenza u ta' xogħol fit-territorju ta' Stat Membru, għal deċiżjoni dwar dik l-applikazzjoni għall-permess uniku.

*Artikolu 3*

*Kamp ta' applikazzjoni*

1. Din id-Direttiva tapplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li:

   (a) japplikaw biex jirrisjedu fi Stat Membru għall-fini ta' xogħol;

   (b) ikunu ġew ammessi fi Stat Membru għal finijiet li mhumiex ta' xogħol skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali, li jistgħu jaħdmu u li għandhom permess ta' residenza f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1030/2002; u

   (c) jkunu ġew ammessi fi Stat Membru għall-fini ta' xogħol f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali.

2. Din id-Direttiva ma tapplikax għal ċittadini ta' pajjiżi terzi:

   (a) li jkunu membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni li jkunu eżerċitaw, jew ikunu qed jeżerċitaw, id-dritt tagħhom ma għal-libertà tal-moviment fl-Unjoni f'konformità mad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20];

---

[20] Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77).

(b) li, flimkien mal-membri tal-familja tagħhom, u irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, igawdu drittijiet ta' moviment liberu ekwivalenti għal dawk ta' ċittadini tal-Unjoni skont ftehimiet jew bejn l-Unjoni u l-Istati Membri jew bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi;

(c) li huma ssekondati sakemm jibqgħu ssekondati;

(d) li jkunu applikaw għal ammissjoni jew li jkunu ġew ammessi fit-territorju ta' Stat Membru biex jaħdmu bħala ħaddiema bi trasferiment intraazjendali skont id-Direttiva 2014/66/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21];

(e) li jkunu applikaw għal ammissjoni jew ikunu ġew ammessi fit-territorju ta' Stat Membru bħala ħaddiema staġonali skont id-Direttiva 2014/36/UE jew bħala au pairs;

(f) li jkunu awtorizzati jirrisjedu fi Stat Membru abbażi ta' protezzjoni temporanja skont id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE[22], jew li jkunu applikaw għall-awtorizzazzjoni biex jirrisjedu hemm fuq dik il-bażi u li jkunu qed jistennew deċiżjoni dwar l-istatus tagħhom;

---

21 Id-Direttiva 2014/66/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-kondizzjonijiet għad-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiż terz fil-qafas ta' trasferiment intraazjendali (ĠU L 157, 27.5.2014, p. 1).

22 Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12).

(g) li jkunu benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali skont id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23], jew li jkunu applikaw għal protezzjoni internazzjonali skont dik id-Direttiva u li l-applikazzjoni tagħhom ma kinitx soġġetta għal deċiżjoni finali;

(h) li jkunu benefiċjarji ta' protezzjoni f'konformità mal-liġi nazzjonali, l-obbligi internazzjonali jew il-prattika ta' Stat Membru jew li jkunu applikaw għal protezzjoni f'konformità mal-liġi nazzjonali, l-obbligi internazzjonali jew il-prattika ta' Stat Membru u li l-applikazzjoni tagħhom ma kinitx soġġetta għal deċiżjoni finali;

(i) li jkunu residenti għat-tul f'konformità mad-Direttiva 2003/109/KE;

(j) li t-tneħħija tagħhom tkun ġiet sospiża abbażi ta' fatt jew ta' dritt;

(k) li jkunu applikaw għal ammissjoni jew li jkunu ġew ammessi fit-territorju ta' Stat Membru bħala ħaddiema li jaħdmu għal rashom;

(l) li jkunu applikaw għal ammissjoni jew li jkunu ġew ammessi bħala baħħara biex jiġu impjegati jew jaħdmu fi kwalunkwe kapaċità fuq bastiment reġistrat fi Stat Membru jew li jbaħħar taħt il-bandiera ta' Stat Membru.

---

23 Id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU L 337, 20.12.2011, p. 9).

3. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-Kapitolu II ma japplikax għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jew ikunu ġew awtorizzati jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru għal perjodu li ma jeċċedix is-sitt xhur jew li jkunu ġew ammessi fi Stat Membru għall-fini ta' studju.

4. Il-Kapitolu II ma japplikax għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jistgħu jaħdmu abbażi ta' viża.

5. Minkejja l-paragrafu 2, il-punt(h) ta' dan l-Artikolu, il-Kapitolu III japplika għall-benefiċjarji ta' protezzjoni f'konformità mal-liġi nazzjonali, l-obbligi internazzjonali jew il-prattika ta' Stat Membru, jekk f'konformità mal-liġi nazzjonali huma jkunu jistgħu jaħdmu.

# Kapitolu II

# Proċedura ta' applikazzjoni unika u permess uniku

*Artikolu 4*

*Proċedura ta' applikazzjoni unika*

1. Applikazzjoni biex jinħareġ, jiġi emendat jew jiġġedded permess uniku għandha tiġi ppreżentata permezz ta' proċedura ta' applikazzjoni unika. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw jekk l-applikazzjonijiet għal permess uniku għandhomx jiġu ppreżentati miċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew mill-impjegatur taċ-ċittadin ta'pajjiż terz. Inkella, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-applikazzjonijiet jiġu ppreżentati minn kwalunkwe wieħed minn dawn it-tnejn.

2. Applikazzjoni għal permess uniku għandha tiġi kkunsidrata u eżaminata jew meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qed jirrisjedi barra mit-territorju tal-Istat Membru li fih dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jixtieq jiġi ammess, jew meta dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun diġà qed jirrisjedi fit-territorju ta' dak l-Istat Membru bħala detentur ta' permess ta' residenza validu. Stat Membru jista' jaċċetta wkoll, f'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu, applikazzjonijiet għal permess uniku ppreżentati minn ċittadini oħra ta' pajjiżi terzi li jkunu legalment preżenti fit-territorju tiegħu.

3. L-Istati Membri għandhom jeżaminaw applikazzjoni ppreżentata skont il-paragrafu 1 u għandhom jadottaw deċiżjoni li jinħareġ, jiġi emendat jew jiġġedded il-permess uniku jekk l-applikant jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti mil-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali. Id-deċiżjoni li jinħareġ, jiġi emendat jew jiġġedded il-permess uniku għandha tikkostitwixxi att amministrattiv uniku li jgħaqqad permess ta' residenza u permess tax-xogħol.

4. Dment li r-rekwiżiti stabbiliti mil-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali jiġu ssodisfati u meta Stat Membru joħroġ permessi uniċi fit-territorju tiegħu biss, l-Istat Membru kkonċernat għandu joħroġ liċ-ċittadin ta' pajjiż terz il-viża meħtieġa biex jikseb permess uniku.

5. L-Istati Membri għandhom joħorġu permess uniku, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet previsti, lil dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw għal ammissjoni u lil dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi diġà ammessi li japplikaw biex iġeddu jew jimmodifikaw il-permess ta' residenza tagħhom wara d-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' implimentazzjoni.

*Artikolu 5*

*Awtorità kompetenti*

1. L-Istati Membri għandhom jagħżlu awtorità kompetenti biex tirċievi l-applikazzjoni u biex toħroġ il-permess uniku.

2. L-awtorità kompetenti għandha tadotta deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal permess uniku mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ fi żmien 90 jum mid-data tal-preżentazzjoni ta' applikazzjoni kompluta.

Il-limitu ta' żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkopri l-verifika tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol meta tali verifika titwettaq b'rabta ma' applikazzjoni individwali għal permess uniku.

Meta ma tittieħed l-ebda deċiżjoni fil-limitu ta' żmien previst f'dan il-paragrafu, kwalunkwe konsegwenza legali għandha tiġi determinata mil-liġi nazzjonali.

3. L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika d-deċiżjoni lill-applikant bil-miktub f'konformità mal-proċeduri ta' notifika stabbiliti fil-liġi nazzjonali rilevanti. Meta l-impjegatur ta' ċittadin ta' pajjiż terz jippreżenta l-applikazzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-impjegatur jinforma liċ-ċittadin ta' pajjiż terz dwar l-istatus tal-applikazzjoni u l-eżitu tagħha b'mod f'waqtu.

4. Jekk id-dokumenti jew l-informazzjoni li jappoġġaw l-applikazzjoni ma jkunux kompluti skont il-kriterji speċifikati fil-liġi nazzjonali, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-applikant bil-miktub dwar id-dokumenti jew l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa, u tistabbilixxi skadenza raġonevoli biex dawn jiġu pprovduti. Il-limitu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu, u l-perjodu addizzjonali msemmija fl-Artikolu 8(3) għandhom jiġu sospiżi sakemm l-awtorità kompetenti jew awtoritajiet oħra relevanti jkunu rċevew l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa. Jekk id-dokumenti jew l-informazzjoni addizzjonali ma jiġux ipprovduti sal-iskadenza stabbilita, l-awtorità kompetenti tista' tiċħad l-applikazzjoni.

*Kapitolu 6*

*Permess uniku*

1. L-Istati Membri għandhom joħorġu permess uniku billi jużaw il-format uniformi kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1030/2002 u għandhom jindikaw l-informazzjoni relatata mal-permess tax-xogħol f'konformità mal-punti (a)12 u (a)16 tal-Anness tiegħu.

   L-Istati Membri jistgħu jindikaw l-informazzjoni addizzjonali relatata mar-relazzjoni ta' impjieg taċ-ċittadin ta' pajjiżi terzi, bħall-isem u l-indirizz tal-impjegatur, il-post tax-xogħol, it-tip ta' xogħol, is-sigħat ta' xogħol, ir-rimunerazzjoni, f'format ta' karta, jew jaħżnu tali *data* f'format elettroniku kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1030/2002 u fil-punt (a)20 tal-Anness tiegħu. F'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1030/2002 ċittadin ta' pajjiż terz li jinħariġlu l-permess uniku għandu jkollu d-dritt li jivverifika informazzjoni personali li jinsabu f'dak il-permess u, meta jkun xieraq, jitlob li dawn jiġi kkoreġut jew imħassar.

2. Meta joħorġu l-permess uniku, l-Istati Membri m'għandhomx joħorġu permessi addizzjonali bħala prova ta' awtorizzazzjoni tal-aċċess għas-suq tax-xogħol.

*Artikolu 7*

*Permessi ta' residenza maħruġa għal finijiet li mhumiex ta' xogħol*

1. Meta joħorġu permessi ta' residenza għal finijiet li mhumiex ta' xogħol f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1030/2002 l-Istati Membri għandhom jindikaw l-informazzjoni relatata mal-permess tax-xogħol irrispettivament mit-tip tal-permess.

   L-Istati Membri jistgħu jindikaw l-informazzjoni addizzjonali relatata mar-relazzjoni ta' impjieg taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, bħall-isem u l-indirizz tal-impjegatur, il-post tax-xogħol, it-tip ta' xogħol, is-sigħat ta' xogħol u r-rimunerazzjoni, f'format ta' karta, jew jaħżnu tali *data* f'format elettroniku kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1030/2002 u fil-punt (a)20 tal-Anness tiegħu. F'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1030/2002, ċittadin ta' pajjiż terz li jkun inħariġlu l-permess tar-residenza għandu jkollu d-dritt li jivverifika dik l-informazzjoni addizzjonali li tkun tinsab f'dak il-permess u, meta jkun xieraq, jitlob li dik l-informazzjoni tiġi kkoreġuta jew imħassra.

2. Meta joħorġu permessi ta' residenza f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1030/2002, l-Istati Membri m'għandhomx joħorġu permessi addizzjonali bħala prova ta' awtorizzazzjoni tal-aċċess għas-suq tax-xogħol.

*Artikolu 8*

*Salvagwardji proċedurali*

1. Għandhom jingħataw raġunijiet fin-notifika bil-miktub ta' deċiżjoni ta' ċaħda ta' applikazzjoni għall-ħruġ, l-emendar jew it-tiġdid ta' permess uniku, jew ta'deċiżjoni ta' rtirar ta' permess uniku abbażi tal-kriterji previsti fil-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali.

2. Deċiżjoni ta' ċaħda tal-applikazzjoni għall-ħruġ, l-emendar jew it-tiġdid, jew deċiżjoni litirtira permess uniku għandha tqis iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ u tirrispetta l-prinċipju ta' proporzjonalità, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali. Tali deċiżjoni għandha tkun miftuħa għal kontestazzjoni legali fl-Istat Membru kkonċernat, f'konformità mal-liġi nazzjonali. In-notifika bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tispeċifika l-qorti jew l-awtorità amministrattiva fejn il-persuna kkonċernata tista' tippreżenta appell u l-limitu ta' żmien għal dan.

3. Il-limitu ta' żmien biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 5(2) jista' jiġi estiż għal perjodu addizzjonali ta' 30 jum, f'ċirkostanzi eċċezzjonali u debitament ġustifikati marbuta mal-kumplessità tal-applikazzjoni permezz ta' notifika jew komunikazzjoni lill-applikant f'konformità mal-proċeduri stabbiliti mil-liġi nazzjonali.

4. Il-perjod msemmi fl-Artikolu 11(3), it-tielet subparagrafu, jista' jiġi estiż għal perjodu addizzjonali ta' 15-il jum, f'ċirkostanzi eċċezzjonali u debitament ġustifikati.

*Artikolu 9*

*Aċċess għall-informazzjoni*

L-Istati Membri għandhom jagħmlu faċilment aċċessibbli, u jipprovdu fuq talba, liċ-ċittadin ta' pajjiż terz u lill-impjegatur futur:

(a) informazzjoni adegwata dwar l-evidenza dokumentarja kollha meħtieġa għall-applikazzjoni, u, meta jkun xieraq, dwar it-tariffi applikabbli;

(b) informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza, inklużi d-drittijiet, l-obbligi u s-salvagwardji proċedurali, inklużi r-rimedji legali, taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u tal-membri tal-familja tagħhom, u informazzjoni dwar l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema f'konformità mal-liġi nazzjonali.

*Artikolu 10*

*Tariffi*

L-Istati Membri jistgħu jitolbu l-ħlas ta' tariffi għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet f'konformità ma' din id-Direttiva. Il-livell tat-tariffi mitluba minn Stat Membru għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet ma għandux ikun sproporzjonat jew eċċessiv. Meta t-tariffi għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet jitħallsu mill-impjegatur, l-impjegatur ma għandux ikun intitolat li jirkupra tali tariffi miċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

*Artikolu 11*

*Drittijiet abbażi tal-permess uniku*

1. Meta jinħareġ permess uniku, dan għandu jawtorizza, matul il-perjodu ta' validità tiegħu, lid-detentur tiegħu bħala minimu li:

(a) jidħol u jirrisjedi fit-territorju tal-Istat Membru li joħroġ il-permess uniku, dment li d-detentur jissodisfa r-rekwiżiti ta' ammissjoni kollha f'konformità mal-liġi nazzjonali;

(b) ikollu aċċess liberu għat-territorju kollu tal-Istat Membru li joħroġ il-permess uniku, fil-limiti previsti mil-liġi nazzjonali;

(c) jeżerċita l-attività speċifika ta' impjieg awtorizzata skont il-permess uniku f'konformità mal-liġi nazzjonali;

(d) ikun infurmat dwar id-drittijiet tad-detentur marbuta mal-permess, konferiti minn din id-Direttiva, liġi tal-Unjoni oħra jew liġi nazzjonali.

2. L-Istati Membri għandhom jippermettu li detentur ta' permess uniku jbiddel l-impjegatur. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu d-dritt ta' detentur ta' permess uniku li jbiddel l-impjegatur soġġett għal kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3.

3. Matul il-perjodu ta' validità ta' permess uniku, l-Istati Membri jistgħu:

(a) jesiġu li bidla tal-impjegatur tiġi notifikata lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru kkonċernat, f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fil-liġi nazzjonali;

(b) jesiġu li bidla tal-impjegatur tkun soġġetta għal verifika tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol jekk l-Istat Membru kkonċernat iwettaq kontrolli tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol għall-applikazzjonijiet għal permess uniku;,

(c) jitolbu perjodu minimu li matulu d-detentur tal-permess uniku jkun meħtieġ jaħdem għall-ewwel impjegatur.

Il-perjodu minimu msemmi fl-ewwel subparagrafu, il-punt (c), ma għandux jaqbeż id-durata tal-kuntratt ta' impjieg jew il-perjodu ta' validità tal-permess. Fi kwalunkwe każ, huwama għandux jaqbeż is-sitt xhur. L-Istati Membri għandhom jippermettu li detentur ta' permess uniku jibdel l-impjegatur qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu minimu f'każijiet debitament ġustifikati ta' ksur serju mill-impjegatur tat-termini u l-kundizzjonijiet tar-relazzjoni ta' impjieg.

Meta l-Istat Membru jenħtieġ li bidla ta' mpjegatur għandha tiġi nnotifikata skont l-ewwel subparagrafu., il-punt (a), id-dritt tad-detentur ta' permess uniku li jbiddel l-impjegatur jista' jiġi sospiż għal perjodu massimu ta' 45 jum mid-data li fiha tkun saret in-notifika lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Matul dak il-perjodu, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jivverifikaw jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu, fil-punti (b) u (c), kif applikabbli, humiex issodisfati, u jivverifikaw ukoll jekk ir-rekwiżiti l-oħra stabbiliti mil-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali jibqgħux jiġu ssodisfatti. L-Istat Membru jista' jopponi l-bidla tal-impjegatur matul dak il-perjodu ta' 45 jum.

4. Il-qgħad fih innifsu ma għandux jikkostitwixxi raġuni għall-irtirar ta' permess uniku dment li:

(a) il-perjodu totali ta' qgħad ma jaqbiżx it-tliet xhur matul il-perjodu ta' validità ta' permess uniku, jew is-sitt xhur jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun ilu detentur tal-permess uniku għal aktar minn sentejn;

(b) il-bidu u, meta jkun applikabbli, it-tmiem ta' kwalunkwe perjodu ta' qgħad jiġu nnotifikati lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat, f'konformità mal-proċeduri nazzjonali rilevanti.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-punt (a), l-Istat Membru jista' jippermetti li detentur ta' permess uniku jkun qiegħed għal perjodu itwal.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew l-impjegatur taċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandux jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti.

Għal perjodi ta' qgħad itwal minn tliet xhur, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li detenturi ta' permess uniku jipprovdu evidenza li jkollhom ir-riżorsi suffiċjenti biex imantnu lilhom nnifshom mingħajr rikors għas-sistema ta' assistenza soċjali tal-Istat Membru kkonċernat.

Meta detentur ta' permess uniku li jkun qiegħed, isib impjegatur ġdid fil-perjodu permess ta' qgħad imsemmi f'dan il-paragrafu, u Stat Membru jagħmel il-bidu tal-impjieg il-ġdid soġġett għal kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3, huwa għandu jippermetti lid-detentur ta' permess uniku jibqa' fit-territorju tiegħu sakemm l-awtoritajiet kompetenti jkunu vverifikaw l-issodisfar tal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3 anki jekk il-perjodu permess ta' qgħad ikun skada.

5. Meta l-validità tal-permess uniku tiskadi matul il-proċedura għat-tiġdid tiegħu, l-Istati Membri għandhom jippermettu liċ-ċittadin ta' pajjiż terz jibqa' fit-territorju tagħhom daqs li kieku dak iċ-ċittadin ta'pajjiż terz kien detentur ta' permess uniku sakemm l-awtoritajiet kompetenti jkunu ħadu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għat-tiġdid tiegħu.

6. Meta, f'konformità mal-proċeduri stabbiliti mil-liġi nazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru jistabbilixxu li hemm bażijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li detentur ta' permess uniku jkun esperjenza kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment abbużivi, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (i), tad-Direttiva 2009/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24], dak l-Istati Membri għandhom jestendu l-perjodu permess ta' qgħad imsemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, bi tliet xhur.

---

24 Id-Direttiva 2009/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li tipprevedi standards minimi għal sanzjonijiet u miżuri kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 28).

# Kapitolu III
# Dritt għal trattament ugwali

*Artikolu 12*

*Dritt għal trattament ugwali*

1. Il-ħaddiema ta' pajjiżi terzi, kif imsemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (b) u (c), għandhom igawdu minn trattament ugwali għal dak taċ-ċittadini tal-Istat Membru fejn jirrisjedu fir-rigward ta' mill-inqas:

(a) it-termini tal-impjieg u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluż fir-rigward tar-remunerazzjon, it-tkeċċija, is-sigħat tax-xogħol, il-liv u l-vaganzi, u t-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa kif ukoll is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol;

(b) id-dritt tal-istrajkjar u li tittieħed azzjoni industrijali, f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali tal-Istat Membru ospitanti, u għal-libertà ta' assoċjazzjoni u affiljazzjoni u sħubija ta' organizzazzjoni li tirrappreżenta l-ħaddiema jew ta' kwalunkwe organizzazzjoni li l-membri tagħha jkunu jwettqu xi xogħol speċifiku, inklużi d-drittijiet u l-benefiċċji konferiti minn tali organizzazzjonijiet, bħad-dritt għan-negozjar u għall-konklużjoni ta' ftehimiet kollettivi, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-ordni pubbliku u s-sigurtà pubblika;

(c) l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali;

(d) ir-rikonoxximent ta' diplomi, ċertifikati u kwalifiki professjonali oħra f'konformità mal-proċeduri nazzjonali rilevanti;

(e) il-fergħat tas-sigurtà soċjali, kif definit fir-Regolament (KE) Nru 883/2004;

(f) il-benefiċċji tat-taxxa, dment li l-ħaddiem ikun meqjus bħala residenti għal finijiet ta' taxxa fl-Istat Membru kkonċernat;

(g) l-aċċess għal merkanzija u servizzi u l-provvista ta' merkanzija u servizzi disponibbli għall-pubbliku inklużi l-proċeduri għall-kisba ta' aċċess għal akkomodazzjoni pubblika u privata kif previst mil-liġi nazzjonali, mingħajr preġudizzju għal-libertà ta' kuntratt f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali;

(h) is-servizzi ta' parir u informazzjoni pprovduti minn uffiċċji tal-impjieg.

2. L-Istati Membri jistgħu jirrestrinġu t-trattament ugwali:

(a) skont il-paragrafu 1, il-punt (c),billi:

(i) jillimitaw l-applikazzjoni għal dawk il-ħaddiema ta' pajjiżi terzi li jkollhom impjieg jew li jkunu ġew impjegati u li jkunu rreġistrati bħala qiegħda;

(ii) jeskludu lil dawk il-ħaddiema ta' pajjiżi terzi li jkunu ġew ammessi fit-territorju tagħhom f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/801;

(iii) jeskludu l-għotjiet u s-self marbutin mal-istudju u l-manteniment jew għotjiet u self oħra,

(iv) jistabbilixxu prerekwiżiti speċifiċi inklużi l-profiċjenza f'lingwa u l-ħlas ta' miżati għat-tagħlim, f'konformità mal-liġi nazzjonali, rigward l-aċċess għall-università u għall-edukazzjoni u t-taħriġ postsekondarji u għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali li ma jkunux marbutin direttament mal-attività speċifika tal-impjieg;

(b) billi jillimitaw id-drittijiet konferiti fuq ħaddiema ta' pajjiżi terzi skont il-paragrafu 1, il-punt (e), iżda m'għandhomx jillimitaw tali drittijiet għall-ħaddiema ta' pajjiżi terzi li jkollhom impjieg jew li jkunu ilhom f'impjieg għal perjodu minimu ta' sitt xhur u li jkunu rreġistrati bħala qiegħda.

Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-paragrafu 1, il-punt (e), fir-rigward tal-benefiċċji għall-familja, ma għandux japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu awtorizzati jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru għal perjodu li ma jaqbiżx is-sitt xhur, għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ġew ammessi għall-fini ta' studju, jew għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom permess jaħdmu abbażi ta' viża.

(c) skont il-paragrafu 1, il-punt (f), fir-rigward tal-benefiċċji tat-taxxa billi tiġi limitata l-applikazzjoni għal każijiet meta l-post ta' residenza rreġistrat jew tas-soltu tal-membri tal-familja tal-ħaddiem ta' pajjiż terz, li għalihom il-ħaddiem ta' pajjiż terz jitlob il-benefiċċji, ikun jinsab fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat;

(d) skont il-paragrafu 1, il-punt (g), billi:

(i) jillimitaw l-applikazzjoni għal dawk il-ħaddiema ta' pajjiżi terzi li jkollhom impjieg;

(ii) jirrestringu l-aċċess għall-akkomodazzjoni, ħlief għall-kiri ta' residenza privata, fil-limiti previsti mil-liġi nazzjonali.

3. Id-dritt għal trattament ugwali kif stabbilit fil-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istat Membru li jirtira jew jirrifjuta li jġedded il-permess ta' residenza maħruġ skont din id-Direttiva, il-permess tar-residenza maħruġ għal finijiet li mhumiex ta' xogħol, jew kwalunkwe awtorizzazzjoni oħra għal xogħol fi Stat Membru.

4. Il-ħaddiema ta' pajjiżi terzi li jmorru joqogħdu f'pajjiż terz, jew is-superstiti tagħhom li jirrisjedu f'pajjiż terz u li jkollhom drittijiet derivati minn dawk il-ħaddiema, għandhom jirċievu, fir-rigward ta' xjuħija, invalidità u mewt, pensjonijiet statutorji abbażi tal-impjieg preċedenti ta' dawk il-ħaddiema u miksuba f'konformità mal-leġiżlazzjoni msemmija fl-Artikolu 3, tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, skont l-istess kundizzjonijiet u bl-istess rati bħal dawk taċ-ċittadini tal-Istati Membri kkonċernati meta jmorru joqogħdu f'pajjiż terz.

*Artikoli 13*

*Monitoraġġ, valutazzjoni, spezzjonijiet u penali*

1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu miżuri biex jipprevjenu abbużi possibbli u biex jissanzjonaw ksur mill-impjegaturi tad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar it-trattament ugwali adottati skont l-Artikolu 12. Il-miżuri għandhom jinkludu l-monitoraġġ, il-valutazzjoni u, meta jkun xieraq, l-ispezzjonijiet, b'mod partikolari f'setturi identifikati li huma f'riskju għoli ta' ksur tad-drittijiet tax-xogħol, skont il-prattika amministrattiva jew il-liġi nazzjonali.

2. L-Istati Membri għandhom jipprevedu penali kontra l-impjegaturi li ma jkunux issodisfaw l-obbligi tagħhom skont din id-Direttiva. Dawk il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-servizzi inkarigati mill-ispezzjoni tax-xogħol jew awtoritajiet kompetenti oħra u, meta jkun previst skont il-liġi nazzjonali għal ċittadini tal-Istat Membru, l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi tal-ħaddiema jkollhom aċċess għall-post tax-xogħol. Meta l-akkomodazzjoni hija pprovduta mill-impjegatur u fejn previst skont il-liġi nazzjonali għaċ-ċittadini tal-Istat Membru, l-aċċess għall-post tax-xogħol għandu jinkludi aċċess għal dik l-akkomodazzjoni dment li l-ħaddiem minn pajjiż terz jagħti l-kunsens tiegħu għal tali aċċess.

*Artikolu 14*

*Faċilitazzjoni tal-ilmenti u tar-rimedji legali*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm mekkaniżmi effettivi li permezz tagħhom ħaddiema ta' pajjiżi terzi jkunu jistgħu jressqu lmenti kontra l-impjegaturi tagħhom:

   (a) direttament;

   (b) permezz ta' partijiet terzi li għandhom, f'konformità mal-kriterji stabbiliti mil-liġi nazzjonali tagħhom, interess leġittimu li jiżguraw konformità ma' din id-Direttiva u mad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva; u

   (c) permezz ta' awtorità kompetenti tal-Istat Membru meta dan ikun previst mil-liġi nazzjonali.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet terzi msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), jistgħu jinvolvu ruħhom jew f'isem ħaddiem ta' pajjiż terz jew b'appoġġ għalih, bil-kunsens ta' dak il-ħaddiem ta' pajjiż terz, fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja u/jew amministrattiva mmirata lejn l-infurzar tal-konformità ma' din id-Direttiva u d-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħaddiema ta' pajjiżi terzi jkollhom l-istess aċċess bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru fejn jirrisjedu fir-rigward ta':

(a) miżuri li jipproteġu kontra tkeċċija jew trattament ħażin ieħor mill-impjegatur bħala reazzjoni għal ilment fi ħdan l-impriża;

(b) kwalunkwe proċediment legali mmirat lejn l-infurzar tal-konformità ma' din id-Direttiva u mad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva.

# Kapitolu IV
# Dispożizzjonijiet finali

*Artikolu 15*

*Dispożizzjonijiet aktar favorevoli*

1. Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet aktar favorevoli ta':

   (a) il-liġi tal-Unjoni, inklużi ftehimiet bilaterali u multilaterali bejn l-Unjoni, jew l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, minn naħa l-waħda, u pajjiż terz wieħed jew aktar, min-naħa l-oħra; u

   (b) il-ftehimiet bilaterali jew multilaterali bejn Stat Membru wieħed jew aktar u pajjiż terz wieħed jew aktar.

2. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jadottaw jew iżommu dispożizzjonijiet li jkunu aktar favorevoli għall-persuni li tapplika għalihom.

*Artikolu 16*

*Informazzjoni għall-pubbliku ġenerali*

Kull Stat Membru għandu jagħmel faċilment disponibbli għall-pubbliku ġenerali ġabra ta' informazzjoni aġġornata b'mod regolari, inkluż permezz ta' sorsi aċċessibbli f'pajjiżi terzi rilevanti:

(a) dwar il-kundizzjonijiet tal-ammissjoni u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju tiegħu għall-fini ta' xogħol;

(b) dwar l-evidenza dokumentarja kollha meħtieġa għall-applikazzjoni għal permess uniku;

(c) dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza, inklużi d-drittijiet, l-obbligi u s-salvagwardji proċedurali, taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-membri tal-familja tagħhom.

*Artikolu 17*

*Rapportar*

1. Perjodikament, u għall-ewwel darba mhux aktar tard minn ... [ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva fl-Istati Membri u għandha tipproponi l-emendi li tqis meħtieġa.

2. Għall-ewwel darba mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2028 u kull sena wara dik id-data, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni (Eurostat) l-istatistika dwar il-volumi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li applikaw għal permess uniku, dawk li ngħataw il-permess uniku u dawk li l-permess uniku tagħhom ġie mġedded jew irtirat matul is-sena kalendarja preċedenti, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25]. Dik l-istatistika għandha tkun relatata ma' perjodi ta' referenza ta' sena kalendarja waħda, u tkun diżaggregata skont it-tip ta' deċiżjoni, ir-raġuni għad-deċiżjoni, it-tul tal-validità tal-permessi, iċ-ċittadinanza, is-sess u l-età u, meta tkun disponibbli, skont ix-xogħol, u għandha tiġi trażmessa fi żmien sitt xhur wara t-tmiem tal-perjodu ta' referenza.

*Artikolu 18*

*Traspożizzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 2, il-punt (2), l-Artikolu 3(2) u (5), l-Artikolu 4(1), (2) u (4), l-Artikolu 5(2), (3) u (4), l-Artikolu 6(1), l-Artikolu 7(1), l-Artikolu 8(2), (3) u (4), l-Artikolu 9, l-Artikolu 10, l-Artikolu 11(1), il-punt (d), l-Artikolu 11(2) sa (6), l-Artikolu 12(1), il-punti (a), (b), (g) u (h), l-Artikolu 12(2), il-punt (d)(ii), l-Artikoli 13, 14, 16 u 17 sa ... [sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Huma għandhom jikkomunikaw immedjatament it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

---

25 Ir-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 311/76 dwar il-kumpilazzjoni ta' statistika dwar ħaddiema barranin (ĠU L 199, 31.7.2007, p. 23).

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma għandhom jinkludu wkoll dikjarazzjoni li r-referenzi fil-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għad-Direttiva mħassra b'din id-Direttiva għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif tali referenza għandha ssir u kif dik id-dikjarazzjoni għandha tiġi fformulata.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 19

Tħassir

Id-Direttiva 2011/98/UE hija mħassra b'effett minn ... [il-jum wara d-data stabbilita fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(1) ta' din id-Direttiva], mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri relatati mal-limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttiva stabbilita fl-Anness I.

Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

*Artikolu 20*

*Dħul fis-seħħ u applikazzjoni*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1, l-Artikolu 2 il-punti (1), (3) u (4), l-Artikolu 3(1), (3) u (4), l-Artikolu 4(3) u (5), l-Artikolu 5(1), l-Artikolu 6(2), l-Artikolu 7(2), l-Artikolu 8(1), l-Artikolu 11(1), il-punti (a), (b) u (c), l-Artikolu 12(1), il-punti (c) sa (f), l-Artikolu 12(2), il-punti (a), (b), (c) u (d)(i), l-Artikolu 12(3) u (4) u l-Artikolu 15, għandhom japplikaw minn [il-jum wara d-data stabbilita fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(1) ta' din id-Direttiva].

*Artikolu 21*

*Destinatarji*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi ...

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

## ANNESS I

Limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali

(imsemmija fl-Artikolu 19)

| Direttiva | Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni |
|---|---|
| 2011/98/UE | il-25 ta' Diċembru 2013 |

# ANNESS II

Tabella ta' korrelazzjoni

| Direttiva 2011/98/UE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| Artikolu 2 | Artikolu 2 |
| Artikolu 3 | Artikolu 3 |
| – | Artikolu 3(5) |
| Artikolu 4(1), l-ewwel u t-tieni sentenza | Artikolu 4(1), l-ewwel u t-tieni sentenza |
| Artikolu 4(1), it-tielet sentenza | Artikolu 4(2) |
| Artikolu 4(2) | Artikolu 4(3) |
| -Artikolu 4(3) | Artikolu 4(4) |
| Artikolu 4(4) | Artikolu 4(5) |
| Artikolu 5 | Artikolu 5 |
| Artikolu 6 | Artikolu 6 |
| Artikolu 7 | Artikolu 7 |
| Artikolu 8 | Artikolu 8 |
| – | Artikolu 8(3) |
| – | Artikolu 8(4) |
| Artikolu 9 | Artikolu 9, il-punt (a) |
| – | Artikolu 9, il-punt (b) |
| Artikolu 10 | Artikolu 10 |
| Artikolu 11 | Artikolu 11(1) |
| – | Artikolu 11(2) sa (5) |
| Artikolu 12 | Artikolu 12 |
| – | Artikolu 13 |
| – | Artikolu 14 |

| Direttiva 2011/98/UE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 13 | Artikolu 15 |
| Artikolu 14 | Artikolu 16(a) |
| – | Artikolu 16, il-punti (b) u (c) |
| Artikolu 15 | Artikolu 17 |
| Artikolu 16 | Artikolu 18 |
| – | Artikolu 19 |
| Artikolu 17 | Artikolu 20 |
| Artikolu 18 | Artikolu 21 |
| – | Anness I |
| – | Anness II |